



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Mejju 2019

L-Awdituri jivverifikaw jekk in-netwerk tat-toroq fl-UE huwiex miexi kif intenzjonat

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awditu tal-appoġġ mogħti mill-UE għan-netwerk tat-toroq li jikkollegaw l-Istati Membri u r-reġjuni. L-awdituri se jeżaminaw jekk l-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-finanzjament ipprovdut minnha humiex qed jiżguraw li l-Istati Membri jibqgħu mexjin kif intenzjonat biex jikkompletaw in-netwerk fil-ħin u jtejbū l-konnettività għaċ-ċittadini.

Illum, l-awdituri ppubblikaw Previżjoni ta' Awditu dwar toroq li jikkollegaw reġjuni Ewropej. Il-Previżjonijiet ta' Awditi jipprovdu informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li jkun għaddej. Huma intenzjonati li jkunu sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

L-awdituri jgħidu li t-toroq għadhom il-mezz prinċipali ta' trasport intern għall-persuni u l-merkanzija fl-UE u huwa probabbli li hekk se jibqgħu fis-snin li ġejjin. Il-bini tat-toroq u ż-żieda fl-aċċessibbiltà tagħhom huwa importanti wkoll biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku. Mill-2016, it-trasport ħoloq impjegi għal aktar minn 11-il miljun persuna - aktar minn 5 % tal-forza tax-xogħol tal-UE.

Fis-snin disgħin, il-Kummissjoni bdiet tiżviluppa network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), li jinkludi l-infrastruttura tat-toroq. L-għan tagħha huwa li, sal-2030, tikkompleta d-disa' kurituri tan-network ċentrali, li jkopru madwar 40 000 kilometru ta' toroq mill-pajjiżi Baltiċi sal-Atlantiku u minn Skandinavja sal-Mediterran. Dawn il-kurituri għandhom rwol strateġiku importanti ferm fl-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika u jkopru l-parti l-kbira tan-network ċentrali. Barra minn hekk, l-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Previżjoni ta' Awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

għan huwa li, sal-2050, in-netwerk komprensiv li se jiżgura li r-reġjuni kollha fl-UE jkunu aċċessibbli u kkollegati, ikun ikkompletat.

Il-finanzjament mill-UE għat-toroq fil-perjodu 2007-2020 jammonta għal madwar EUR 82 biljun, li nofshom intefqu fuq in-netwerk ċentrali u dak komprensiv. L-akbar beneficijarji tal-finanzjament huma l-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

“Il-finanzjament mill-UE għen biex isir titjib fil-konnessjonijiet tat-trasport bejn l-Istati Membri u r-reġjuni matul dawn l-aħħar deċennji, iżda għad hemm lakuni, konnessjonijiet neqsin u konġestjonijiet fin-netwerk tat-toroq”, qal George Pufan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. “Hemm riskju li n-netwerk ċentrali tal-UE mhux se jitlesta interament fil-ħin.”

Netwerk tat-toroq komplet bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni tagħhom jista' jirriżulta fi tnaqqis fil-ħinijiet ta' vjaġġar kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, u żieda fil-kapaċità, fuq toroq aħjar. Madankollu, in-netwerk tat-toroq fl-UE għadu mhux komplet. Pereżempju, l-Istati Membri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant mhumiex moqdija tajjeb b'konnessjonijiet bejn il-Lvant u l-Punent; u lanqas ma huma kkollegati tajjeb bejniethom.

L-awdituri se jeżaminaw jekk in-netwerk ċentrali fl-UE huwiex miexi kif intenzjonat biex ikun ikkompletat fil-ħin u jekk il-Kummissjoni hijiex qed tiżgura li:

- o il-pjanijiet nazzjonali tat-toroq jagħtu prijorità għall-ikkompletar tan-netwerk ċentrali fil-ħin u għall-manutenzjoni tiegħu f'kundizzjoni tajba;
- o il-finanzjament mill-UE għat-toroq jindirizza l-prijorità tagħha biex tikkompleta n-netwerk ċentrali.

L-awdituri se jwettqu kontrolli fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fil-Polonja u fi Spanja.

Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat fil-bidu tal-2020.

Nota lill-Edituri

Id-disa' kurituri tan-netwerk ċentrali tat-trasport huma: Atlantiku, Baltiku-Adrijatiku, Mediterran, Baħar tat-Tramuntana-Baltiku, Baħar tat-Tramuntana-Mediterran, Orjent-Lvant tal-Mediterran, Renu-Alpi, Renu-Danubju, Skandinavu-Mediterran.

L-[awditi preċedenti](#) li l-QEA wettqet fil-qasam tat-trasport jinkludu analiżi dwar il-mobbiltà u t-trasport u rapporti speċjali dwar in-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja u t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, it-trasport marittimu u l-passaġġi fuq l-ilma interni, l-ajruporti u l-immaniġġjar tat-traffiku tal-ajru, u l-ispejjeż għat-toroq, it-trasport urban u d-drittijiet tal-passiġġieri. Bħalissa, il-QEA qed twettaq awditu dwar il-mobbiltà urbana fl-UE.

Il-previżjoni sħiħa tinsab bl-Ingliż fuq eca.europa.eu.